

Brussell, 25 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13233/22

CDR 126

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittri tat-3 ta' Awwissu 2022 u tal-14 ta' Ottubru 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraġ lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru s-Sur Manuel Alejandro CARDENETE FLORES u s-Sa María SÁNCHEZ RUIZ, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.¹
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 12115/22; 13810/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Spanjol ippropona² lis-Sa Ana Belén ÁLVAREZ FERNÁNDEZ, *Consejera de Economía y Hacienda del Gobierno de Cantabria* (Ministru Reġjonali għall-Ekonomija u l-Finanzi, Gvern ta' Cantabria), rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettoral ta' awtorità reġjonali, u s-Sur José Enrique Millo ROCHER, *Secretario General de Acción Exterior, Unión Europea y Cooperación, Junta de Andalucía* (Segretarju Ġenerali għall-Azzjoni Esterna, Unjoni Ewropea u Kooperazzjoni, Gvern tal-Andalusija), rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13232/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 13231/22.